3 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E. LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Emmanuele Vella *versus* Dr. Pietro Paolo Galea et.

**Ċessjoni — Denunzja — Terzi — Ċitazzjoni — "Jus Superveniens" — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 1553 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Iċ-ċessjoni għandha tiġi denunzjata lid-debitur; u qabel ma ssir dik id-denunzja ċ-ċessjonarju ma jistax, di fronti għat-terzi, jeżerċita d-drittijiet tiegħu.*

*Fost it-terzi huwa kompriż anki d-debitur; b'mod illi jekk id-debitur, qabel id-denunzja, iħallas "in buona fede" liċ-ċedent, di fronti għalih dak il-pagament huwa validu.*

*Imma jekk id-debitur ikun għadu ma ħallasx, jew ma jkunx estingwa d-debitu tiegħu b'xi kompensazzjoni jew b'mod ieħor, iċ-ċitazzjoni li jagħmillu għall-ħlas iċ-ċessjonarju tiswa minflok id-denunzja għall-effetti kollha tal-liġi; u dan bis-saħħa tal-"Jus Superveniens". Għalhekk jekk iċ-ċessjonarju jħarrek lid-debitur għal ħlas "res adhuc integra", il-kawża timxi 'l quddiem fuq il-meritu, u ma hemmx lok li d-debitur jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għax ma kienx hemm id-denunzja.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi b'kuntratt tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle publikat fl-10 ta' Awissu 1926, xtara l-kreditu li kellu Giuseppe Bugeja kontra l-konvenuti għal self lilhom minnu magħmul għas-somma ta' £100, bl-imgħax tas-sitta fil-mija skond il-kuntratt publikat fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle fil-21 ta' Lulju 1926 (dok. B); u li huwa b'kuntratt ieħor publikat fl-atti tan-Nutar Carmelo Chapelle fl-20 ta' Diċembru 1934 xtara l-kreditu li kellu l-Prokuratur Legali Edoardo Axiak Mifsud kontra l-konvenuti għas-somma ta' £114. 10. 0, oltre l-imgħax ta' l-erbgħa fil-mija fis-sena, skond il-kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Giovanni Mifsud tas-27 ta' Lulju 1926; u talab illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu solidament bejniet-

hom is-somma ta' £409. 10. 0, kwantu għal £100 sorti tal-kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle fil-21 ta' Lulju 1926, kwantu għal mija oħra imgħax fuq l-istess somma bis-sitta fil-mija fis-sena mid-data tal-kuntratt sal-lum, kwantu għal £114. 10. 0 sorti tal-kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Giovanni Mifsud fis-27 ta' Lulju 1926, u kwantu għal £95 imgħax fuq l-istess somma mid-data tal-kuntratt sal-lum, bir-rata ta' l-4% fis-sena. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu tat-23 ta' Ottubru 1947, fejn illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ċ-ċessjoni in kwistjoni ma ġietx denunzjata lid-debituri, u għalhekk, skond l-art. 1553 tal-Kodiċi Ċivili (art. 1217 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), l-attur bħala ċessjonarju ma jistax, in kwantu għat-terzi, jeżerċita d-drittijiet lilu ċeduti; illi fid-denominazzjoni ta' terzi hemm ukoll id-debitur, kif igħid Troplong, Della Vendita, 884 sa 896, u speċjalment 885 u 896, u kif jirriżulta minn notamenti ta' Sir Adrian Dingli, meta dik id-dispożizzjoni ġiet imdaħħla fil-Kodiċi l-leġislatur tagħna kellu quddiem għajnejh dak l-awtur; illi għalhekk l-attur ma jistax jeżerċita d-drittijiet tiegħu, la darba ma hemmx id-denunzja;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq miġjuba tiġi revokata, u jiġi deċiż skond it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi solidalment kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjonijiet li għandhom ikunu eżaminati minn din il-Qorti huma :— (1) jekk għall-fini tad-dispożizzjoni ta' l-artikolu fuq miġjub, 1553 tal-Kodiċi Ċivili, taħt il-kelma "terzi" huwiex kompriż anki d-debitur; (2) u jekk iċ-ċitazzjoni preżenti kontra l-konvenuti hijiex denunzja suffiċjenti għall-iskop ta' dak l-artikolu;

Tikkunsidra;

Fuq l-ewwel kwistjoni, din il-Qorti taqbel ma' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, illi fid-dizzjoni "terzi", użata fl-artikolu fuq imsemmi, hemm anki kompriż id-debitur. Infatti jekk id-

debitur, illi ma jkunx għadu notifikat bid-denunzja taċ-ċessjoni, in bwona fede jħallas liċ-ċedent, di fronti għalih dak il-pagament ikun validu għalkemm fil-mument tal-versament tal-flus it-titolar tal-kreditu ma kienx iċ-ċedent, iżda ċ-ċessjonarju. Dan il-prinċipju, barra milli huwa aċċettat mid-dottrina, huwa anki konfermat mill-ġurisprudenza prevalenti lokali, kif jidher, fost sentenzi oħra, mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re in re "Mifsud Grech vs. Sammut et." fit-28 ta' Ottubru 1881 (Kollez. Vol. IX pagina 545) kif ukoll mis-sentenza ta' l-istess Qorti in re "Tabone utrinque" tat-3 ta' Jannar 1898 (Kollez. Vol. XVI-II-164);

Tikkunsidra:

Illi fuq it-tieni kwistjoni, din ma ġietx sollevata u eżaminata mill-Ewwel Qorti. Huwa prinċipju assodat fil-ġurspruden za tagħna, illi "jus superveniens firmat actionem et exceptionem"; u għalhekk, jekk waqt il-kawża jkun intervjena dak id-dritt, l-azzjoni li qabel tkun difettuża tiġi msaħħa. Il-fundament ta' dan huwa preċiżament l-ekonomija tal-ġudizzji u ta l-ispejjeż. Għall-istess raġuni, jekk ittra uffiċjali jew protest huma l-atti ordinarji li bihom issir id-denunzja ta' kreditu, ma hemm ebda raġuni ġuridika illi ċ-ċitazzjoni ma għandhiex isservi anki bħala denunzja lid-debitur. Ċertament, jekk id-debituri ma jkollhomx x'jeċċepixxu, allura tiġi l-kwistjoni ta' l-ispejjeż, illi jkollu jbatihom l-attur la darba dik iċ-ċitazzjoni saret inutilment; iżda ma hemmx raġuni illi la darba d-debituri jiġu nfurmati per mezz taċ-ċitazzjoni, biċ-ċessjoni li saret, illi dik iċ-ċitazzjoni ma tistax tibqa' sejra 'l quddiem. Kif intqal iżjed 'il fuq, kieku ċ-ċitazzjoni kellha inizjalment xi ħaġa difettuża u mbagħad intervjena d-dritt, dik iċ-ċitazzjoni tkun konvalidata, u għalhekk permezz tan-notifika ta' l-istess ċitazzjoni hemm fiha nnifisha d-denunzja taċ-ċessjoni. Ċertament, kieku qabel dik iċ-ċitazzjoni, li fiha nnifisha hemm id-denunzja, id-debituri jkunu ħallsu l-kreditu, jew saret xi kompensazzjoni favur tagħhom, allura huma kienu fid-dritt li jagħtu validament dawk l-eċċezzjonijiet. Iżda la darba "res adhuc integra", allura ċ-ċitazzjoni tista' sservi anki ta' notifika tad-denunzja taċ-ċessjoni;

U l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Ottubru 1881 fuq ċitata, in re "Mifsud Grech vs. Sammut" (Kollez. Vol. IX, pag. 545) irriteniet anki f'dan is-sens meta qalet :— "Nè è razionale intendere la legge nel senso di accordare eccezione, per difetto di notifica della cessione, a chiunque non fosse contraente nell'atto della stessa, ed intanto non avesse diritti da contrapporre a che abbia effetto la cessione, non avesse risentito alcun pregiudizio dal non essergli stata per atto di Corte denunziata dal giudizio. Ed è quindi da ritenere che l'esercizio dell'azione contro il debitore sia sufficiente notifica giudiziale, salva sempre l'impugnazione che fosse giustificata da diritti in buona fede acquistati dal debitore prima della notifica." U l-istess sentenza iżjed 'il quddiem irriteniet ukoll :— "Scrittori ne ricordano più decisioni; e Pacifici Mazzoni riferisce che la Cassazione di Roma osservò che quando il debitore ceduto, senza aver pagato al cedente, od essersi in altro modo liberato dalla obbligazione, è citato in giudizio dal cessionario per il pagamento del debito, potrà bensì chiedere che gli si faccia conoscere come, quando, e con quali condizioni abbia il cessionario conseguito la cessione, al fine di accertarsi se legittima sia la pretesa, ma sarebbe assurdo che pretendesse la denunzia della cessione come condizione dell'esercizio del diritto del cessionario";

Illi għalhekk, salv dak li ntqal iżjed 'il fuq u salvi eċċezzjonijiet oħra, iċ-ċitazzjoni għandha sservi bħala denunzja taċ-ċessjoni għall-effetti kollha tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur, u tiddikjara illi per mezz taċ-ċitazzjoni l-konvenuti kellhom id-denunzja meħtieġa taċ-ċessjoni; u tordna illi in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż ta' l-inċident taż-żewġ istanzi jitħallsu nofs minn kull parti; id-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi jitħallas mill-konvenuti appellati; u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, u tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti għall-ulterjuri trattazzjoni tagħha.